# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  903/91 A1 NA**

**Carmel sive Charles Bray**

**vs**

**Alfred Petroni u b'nota tas-7 ta' Mejju 1992 Christine Zammit u Caroline Bianco gew imdahhlin ukoll bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' A. and A. Petroni Ltd.**

**Il-Qorti,**

Illi b'att tac-citazzjoni, l-attur ippremetta illi wara li nhar is-16 ta' April, 1990 korra waqt li kien jahdem mas-socjeta' attrici u garrab disabilita' permanenti;

Illi l-incident tal-attur gara minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti dwar is-sahha fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjeta' konvenuta;

Illi l-attur mhux biss sofra danni f'sahhtu, imma anke tilef l-impjieg;

Illi s-socjeta' konvenuta naqset tersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kawzati minnha lill-attur minkejja li giet interpellata taghmel dan;

TALAB li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. tiddikjara li l-attur korra unikament tort tas-socjeta' konvenuta;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur previa nomina ta' periti; u

3. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes.

Illi l-konvenuti nomine eccepew illi:-

1. preliminarjament, in-nullita' tac-citazzjoni stante illi d-diretturi citati wahedhom m'ghandhomx ir-rappresentanza *in gudicio* tal-kumpanija, liema rappresentanza hi vestita skond l-Artikolu 27 tal-istatut socjali f'dik il-persuna jew direttur li tkun hekk awtorizzata mill-Bord.  Ma kien hemm ebda awtorizzazzjoni f'dan il-kaz u ghalhekk l-attur kellu jiccita d-diretturi kollha.

2. Bla pregudizzju u fuq il-mertu, l-attur qatt ma korra fuq ix-xoghol u kwindi m'hemmx negligenza u lanqas responsabbilita' tal-konvenuti di fronte l-attur.

3. Salv Eccezzjonijiet Ulterjuri.

Illi b'digriet tat-12 ta' Jannar, 1993, dina l-Qorti, diversament presjeduta, innominat lill-Avukat Dr. John Buttigieg bhala Perit Legali u b'digriet tat-13 ta' Mejju, 1996, innominat lil Kirurgu Charles Grixti bhala Espert Mediku u dan fuq talba tal-Perit Legali li kellu bzonn assistenza medika.

Illi fir-rapport tieghu l-Perit Mediku kkonkluda s-segwenti:-

(i) L-attur sofra minn *sciatika* jigifieri gbid tan-*nerve* minn naha t'isfel tad-dahar meta tbaxxa biex jerfa' magna tal-hasil. Mill-ezamijiet klinici u mis-sintomi hemm indikazzjoni li l-attur ghandu irritazzjoni tan-*nerve* minn naha t'isfel tad-dahar u dan zgur kien ikkagunat direttament minhabba l-incident.

(ii) Mill-X-Rays li ttiehdu jirrizulta li kellu caqliq fir-rukell (il-hames lumbari) fuq dak ta' tahtu (l-ewwel rukkell tas-*sacrum*).

L-incident li kellu Bray ma jikkagunax din il-kundizzjoni li kellu l-istess Bray.

(iii) Pero' bl-incident li kellu l-attur jista' jkun wassal sabiex ikun hemm djuq fl-ispazju bejn il-hames rukkell lumbari u l-ewwel wiehed tas-*sacrum*. Dan ifisser li d-disk f'dan il-livell ma baqax efficjenti bhal ma kien. Jekk dan seta' kien jezisti qabel l-incident, allura bl-incident is-sitwazzjoni aggravat ruhha.

B'danakollu, il-Perit jistabbilixxi li peress li ma kienx ra l-X-rays li kienu ttiehdu fl-1990 ma jistax jikkonferma

jekk diga' kienux jezistu problemi tad-dahar qabel l-incident in kwistjoni.

(iv) Il-periklu jinstab fil-fatt li minhabba dan il-gbid fin-*nerve* u jekk l-attur jitbaxxa, minflok jinzel kokka, jista' jkun il-kaz li dan ir-rukkell u l-ewwel wiehed tas-*sacrum* jista' johrog minn postu jekk ikun hemm pressjoni qawwija fuqu bhal meta wiehed jitbaxxa jew jerfa' affarijiet tqal.

(v) Ghalhekk il-Perit Mediku jistabilixxi illi hemm disabilita' permanenti ta' 7%.

Il-Perit Legali ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rigward:

**(A) IR-RESPONSABBILITA' TA' L-INCIDENT**

Il-Perit Legali hass li s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghall-incident meta qabbdu lill-attur sabiex igorr *washing machine* ghal klijenti. L-attur u impjegat iehor kellhom igorru dina l-*washing machine* u jtellghuha fil-*washroom*. Mill-provi jirrizulta li t-tarag li wasslu ghal fuq il-bejt kienu dojoq wisq u ma kienx hemm spazju sabiex l-istess *washing machine* tkun tista' tghaddi facilment.

Jidher illi l-attur wegga' waqt li kien qed igholli l-*washing machine* minn fuq ir-*railing* tat-tarag, dar b'lura u gholla l-istess *washing machine* b'id wahda.

Il-Perit Legali hass li s-socjeta' konvenuta missha kriet *crane* sabiex tittella' l-*washing machine*, meta kienu jafu li l-ispazju kien dejjaq wisq sabiex l-attur u l-impjegat l-iehor itellghu l-magna. Inoltre, is-socjeta' missha hadet il-kompitu li tinvestiga jekk l-oggett seta' jingarr facilment qabel.

L-Artikolu 2(2b) tal-Att Nru. VII tal-1994 li jippromwovi s-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol jistabilixxi li huwa d-dmir ta' kull minn ihaddem li jizgura li kull process tax-xoghol imqabbad minnu ghandu jkun hieles minn kull sogru u minn kull periklu li jista' jigi evitat ghal inkolumnita' fizika u psikologika tal-haddiema impjegati minnu. . Is-socjeta' konvenuta setghet facilment zgurat illi l-garr in kwistjoni seta' sar permezz ta' *crane* u b'hekk minghajr l-ebda sogru ghas-sahha tal-haddiema taghha.

Il-Perit Legali wkoll ikkonsulta ruhu mal-Management of Health and Safety at Work Regulations 1992 tar-Renju Unit, li jistabilixxu li jekk ikun hemm possibilta' ta' korriment minn

"*manual handling operations*" allura ghandu jkun hemm "*consideration should first be given to the avoiding the need for the operation in question*."

Ghalhekk, il-"*manual handling*" in kwistjoni setghet facilment gab il-possibilita' ta' xi *injury* ghaliex kien hemm restrizzjoni ta' spazju fit-tarag li ma kienx jaghmilha facli li din il-*washing machine* tingarr bla ebda perikolu. Kwindi la darba kien hemm mod iehor kif din il-*washing machine* setghet tingarr, allura kien id-dover tas-socjeta' konvenuta li tevita din l-operazzjoni manwali u minflok l-irfih seta' sart permezz ta' *crane*.

Il-Perit Legali kien ukoll tal-fehma li kien hemm nuqqas serju da parti tas-socjeta' konvenuta li ma pprovdiet l-ebda attrezzi bhal cineg biex ikun jista' jsir ix-xoghol ta' irfih. Jekk jintuzaw dawn ic-cineg il-haddiem ma jaghmilx dawk l-isforzi kollha fuq il-muskolatura w in-nervi tieghu u ghalhekk ikun hemm anqas possibilita' li jwegga'. Kieku intuzaw dawn ic-cineg, il-probabilita' kienet tkun li l-attur kien iwegga' ferm anqas gravi.

Ghalhekk, il-Perit Legali hass li s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghandha thallas id-danni hekk likwidati.

**(B) LIKWIDAZZJONI TAD-DANNI**

***DAMNUM EMERGENS***

Il-Perit Legali qis li minhabba d-disabilita' l-attur mhux f'qaghda li jmur jahdem u kien ghalhekk li effettivament gie *boarded out*. Hu jircievi pensioni ta' Lm26.95 fil-gimgha. Is-socjeta' konvenuta ma sabitlu l-ebda xoghol alternattiv u di piu' itterminatlu l-impjieg.

In vista tac-cirkostanzi, il-Perit jhoss li l-attur bhala *damnum emergens* ghandu jigi kompensat billi jiehu sena paga li jammonta ghal Lm2080.

***LUCRUM CESSANS***

Fl-incident in kwistjoni gie stabbilit illi l-attur qed isofri minn disabilta' permanenti ta' 7%. Hu llum gie *boarded out* u ma

jahdimx u kif diga' gie sottomess l-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta gie tterminat.

L-attur fi zmien tal-incident kellu 36 sena u ghalhekk skond il-Perit Legali kellu quddiemu hajja lavorattiva ta' 25 sena. Huwa kien jahdem bhala *driver* u *delivery man* u kellu paga ta' Lm40 fil-gimgha li jammontaw ghal Lm2080 fis-sena.

Il-Perit Legali ha in konsiderazzjoni wkoll l-awment ta' paga fil-futur u bhala bazi ghandu jittiehed in konsiderazzjoni Lm60 fil-gimgha u l-kalkoli ghandhom jittiehdu fuq din il-bazi.

Illi, ghalhekk jekk wiehed jimmultiplika d-dhul annwali tal-attur ghal 25 sena jasal ghal figura ta' Lm78,000 u 7% ta' dan l-ammont jammonta ghal Lm5,460.

Ghalhekk jekk jinghad l-ammont kumpensat ghal *lucrum cessans* flimkien mal-ammont kompensat ghad-*danmum emergens* wiehed jasal ghal figura ta' Lm7,540 u l-Perit Legali jhoss li minhabba li l-kawza ilha ghaddejja ghal madwar seba' snin m'ghandux ikun hemm tnaqqis ta' *20%* bhala *lump sum payment* u ghalhekk li ghandu jigi likwidat ghandu jkun dak ta' Lm7,540.

**KONKLUZZJONIJIET**

Il-Perit Legali ghaldaqstant ikkonkluda illi:-

(i) s-socjeta' konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

(ii) id-danni ghandhom jigu likwidati fl-ammont ta' Lm7,540;

(iii) is-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur l-ammont ta' Lm7,540.

**NOTA TA' OSSERVAZZJONIJIET TAL-KONVENUTI NOMINE**

Il-konvenuti nomine jissottomettu illi ma jaqblux mal-konkluzzjonjiet tal-Perit Legali u dan meta l-istess Perit qal li s-socjeta' konvenuta missha investigat qabel minn fejn kien ser tingarr il-*washing machine* u jekk kienx possibbli li din il-*washing machine* tingarr minn dan l-ispazju. Il-konvenuti nomine hassew illi la darba l-attur ma kienx gdid f'dan ix-

xoghol ta' *loader* u li kellu 'l fuq minn ghaxar snin esperjenza fuq dan ix-xoghol, ghalhekk kien fid-dover tieghu li ma jtellax il-magna ghal fuq il-*washroom* jekk l-ispazju kien ristrett.

L-istess konvenuti jirribadixxu s-sottomissjoni tal-Perit li misshom gabu *crane* sabiex tingarr il-*washing machine*. Il-konvenuti nomine jissottomettu illi huma kienu jkunu responsabbli la darba l-attur kien gibdilhom l-attenzjoni li l-magna ma setghetx tittella' minhabba l-ispazju ristrett, izda dan qatt m'ghamlu. Ukoll kienet tkun sitwazzjoni differenti li kieku l-konvenuti nomine qalulu biex xorta wahda jtella' l-magna b'idejh.

Inoltre, l-konvenuti nomine jaghmlu referenza ghal mod kif l-attur iddeskriva l-mod kif tella' l-magna u l-manuvra li huwa ghamel. L-attur iddecieda li jtella' din il-magna b'idejh wahda. Dan juri li kien negligenti ghall-ahhar meta ghamel dan. Fil-fatt in sostenn ta' dan il-Perit Legali jikkonkludi li Bray sofra gbid tan-*nerve* minn naha t'isfel tad-dahar li kien kagun dirett tal-incident li huwa sofra.

Ghalhekk jirrizulta b'mod car li l-attur mhux biss ikkontribwixxa ghall-incident, izda kien unikament responsabbli ghalih.

Bhala impjegat tal-kumpanija, l-attur kien fid-dover tieghu li jekk induna li t-tarag ma kienx jippermettilu li jtella' l-magna minghajr perikolu, kien fid-dover tieghu li ma jtellaghhiex u mhux jilmenta li s-socjeta' konvenuta ma ppermettitlux ambjent tax-xoghol minghajr perikolu.

**DISABILITA'**

Il-konvenuti nomine jissottomettu, illi mill-ezami mediku li nzamm mill-Perit Mediku, kien hemm gbid tan-*nerve* minn naha t'isfel, li kien kagun dirett tal-incident in kwistjoni, pero' ic-caqlieq fi-irkiel tad-dahar l-attur ma giex ikkagunat bl-incident. Inoltre, l-istess Perit Mediku kkonkluda li d-djuq fl-ispazju bejn il-hames rukkell lumbari u l-ewwel wiehed tas-*sacrum*, seta' kien ikkagunat mit-tip ta' incident li sofra jew seta' ezista qabel l-incident u issa per konsegwenza aggrava ruhha.

Ghalhekk jirrizulta li qabel l-incident, l-attur kien qed isofri minn disabilita' serja f'dahru u per konsegwenza l-percentagg ta' disabilita' ta' 7% m'ghandux jigi kkalkolat.

In kwantu jirrigwarda s-sena paga l-Perit Legali akkorda lill-attur, dina ma fiha ebda bazi legali *una volta* l-attur applika u beda jircievi pensjoni ta' invalidita'. Inoltre, l-attur jircievi Lm26.95 fil-gimgha bhala pensjoni tal-invalidita' u ta' dan il-Perit Legali ma hax konsiderazzjoni.

Il-konvenuti nomine jissottomettu illi l-attur ma setax gie ddikjarat invalidu kagun tal-incident mertu tal-kawza, ghaliex skond l-Att dwar is-Sigurta' Socjali sabiex wiehed jikkwalifika ghal din il-pensjoni irid ikun gie certifikat mill-bord mediku imwaqqaf taht l-istess Att li ma hux kapaci aktar ghax-xoghol. Artikolu 26 ta' dan l-Att jipprovdi li wiehed huwa intitolat ghal pensjoni tal-invalidita' jekk jigi certifikat li huwa inkapaci ghal impjieg xieraq "***minhabba marda serja jew hsara fisika jew mentali.***" Il-kondizzjoni medika tal-attur pre-ezistenti ghall-incident certament hija aktar gravi minn gbid fin-*nerve*.

Fis-seduta tat-22 ta' Mejju 1999 l-attur, tramite d-difensur tieghu, rremetta ruhu ghar-rapport peritali. Is-socjeta' konvenuta invece talbet u gie lilha koncess li teskuti sew il-Perit Legali sew dak Mediku, liema eskussjonijiet saru rispettivament fis-seduti tas-17 ta' Mejju u 26 ta' Ottubru 1999.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti nkluzi r-relazzjonijiet peritali u l-eskussjoni li saret ta' l-istess Periti taghmel l-osservazzjonijiet segwenti:

**1.** Huwa minnu illi l-gurisprudenza recenti tal-Qrati taghna timponi obbligi aktar severi fuq min ihaddem biex jassiguraw "*a safe environment*" fuq il-post tax-xoghol u li jipprovdi l-mezzi kollha necessarji u mehtiega biex jissalvagwardja li ma jigrux incidenti lill-impjegati tieghu waqt ix-xoghol. (Ara f'dan ir-rigward, fost ohrajn, is-sentenzi tal-Prim'Awla Civili "Caruana vs Abela et noe" - 30/11/98; "Caruana vs Paris et noe" - 12/02/99; u "Caruana vs Cacopardo noe et noe" - 31/5/99). Dan pero' kif tajjeb osservaw il-Qrati taghna mhuwiex il-kuncett ta' *strict liability* tal-Ligi Ingliza u l-istess impjegat huwa wkoll obbligat li jipprova jevita' incidenti li jistghu jwasslu ghall-korriment tieghu u jista' wkoll minhabba n-nuqqas ta' prudenza adoperata minnu jikkontribwixxi ghac-cirkostanzi li jkunu wasslu ghall-korriment tieghu. Il-Qorti tifhem is-sitwazzjoni li nstab fiha l-attur meta gie biex itella' l-*washing machine* fl-ambjent fejn kien qed jahdem pero' jidhrilha illi l-paragrafu numru 9 tan-nota ta' l-osservazzjonijiet

tal-konvenut ma ghandhiex tigi ghal kollox injorata. Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti li tiddeciedi illi fil-waqt li, a bazi tal-principji fuq enuncjati, is-socjeta' konvenuta kienet principalment responsabbli ghall-incident in kwistjoni kien hemm da parti ta' l-attur element sostanzjali ta' kontributorjeta' li, *arbitrio boni viri*, u fin-nuqqas ta' kriterji matematici ta' kif din ghandha tigi kkalkolata qed tigi stmata mill-Qorti fi grad ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%);

**2.** Fir-rigward tal-persentagg tad-disabbilita' kif meqjusa mill-Perit Mediku l-Qorti ma tara li ngabet ebda raguni valida l-ghala hija ghandha tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal tieghu. Fl-eskussjoni li saritlu l-istess Perit kien car hafna illi l-grad ta' seba' fil-mija (7%) disabbilita' permanenti li wasal ghaliha kienet oltre xi disabbilita' li seta' kellu l-attur qabel l-incident;

**3.** Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni serja dwar id-danni *lucrum cessans* li gew akkordati lill-attur fl-ammont ta' Lm5460. (Jinghad ghal kull buon fini illi fir-rigward tal-*lump sum payment deduction* ghaddew sentejn ohra minn mindu nhalef ir-rapport). Ghall-kuntrarju, l-ammont ta' *damnum emergens* li wasal ghalihom il-Perit Legali meta akkorda sena

paga lill-attur fl-ammont ta' Lm2080 huwa, fil-fehma tal-Qorti, gustament ikkontestat mis-socjeta' konvenuta u dana ghar-ragunijiet segwenti: (a) fil-perjodu in kwistjoni l-attur ircieva pensjoni mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali li ma gietx ikkalkolata mill-Perit Legali; (b) il-kumpens ghas-sena paga hija wkoll, in parte, inkluza fil-likwidazzjoni tad-danni *lucrum cessans*; (c) it-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-attur setghet twassal ghal massimu ta' tlett xhur *notice* u meta wiehed iqis xi *leave* jew *sick leave* li kien ghadu ntitolat ghalih l-attur il-Qorti qieghdha tirriduci dan l-ammont ukoll *arbitrio boni viri* ghal Lm728. L-ammont totali tad-danni dovuti lill-attur ghalhekk jammontaw ghal sitt elef mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm6188) li minnhom is-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghal hamsa u sebghin fil-mija (75%) kif fuq spjegat, ammont ghalhekk ta' erbat elef sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm4641).

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa', in parte, it-talbiet attrici, u:

1. tiddikjara li s-socjeta' konvenuta kellha tort fil-grad ta' hamsa u sebghin fil-mija (75%) ghall-korriment ta' l-attur;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur ghal dik il-parti tar-responsabbilita' tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' erbat elef sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm4,641) kif fuq spjegat;

3. tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-attur id-danni ta' erbat elef sitt mija u wiehed u erbghin lira Maltin (Lm4,641) kif fuq likwidat, bl-imghax legali millum.

Minkejja l-kontributorjeta' ta' l-istess attur il-Qorti jidhrilha illi, nonostante, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.